Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Mejju 2026**
**(OR. en)**

**9646/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0250 (COD)**

**CODEC 993**
**JAI 654**
**COPEN 197**
**DROIPEN 98**
**FREMP 187**
**SOC 288**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 82(2)(c) TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-14 ta' Diċembru 2023[2].

3. Fil-21 ta' Mejju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[3]. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 11840/23 + ADD 1 sa ADD 3.
[2] ĠU C, C/2024/1592, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1592/oj.
[3] 9387/26.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill[4] japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 11/26, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, b'Malta u s-Slovakkja jastjenu.

5. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.